MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 79/2004

**Salvatore Farrugia**

**vs**

**Travelex Financial Services Limited u Bank of Valletta plc u b'digriet tal-1 ta' April, 2004 gie kjamat fil-kawza Mark Randon u skont nota datata 18 ta' Mejju, 2006, l-attur ceda l-kawza fil-konfront tal-Bank of Valletta p.l.c. (fol 69) u skont il-verbal datat 16 t'Ottubru, 2012 is-socjeta` konvenuta biddlet isimha f'Western Union Business Solutions (Malta) Limited**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni fuq indikata datatat-30 ta' Jannar, 2004, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi l-attur kellu jircievi s-somma ta' tlieta u disghin elf, disa' mija u tlieta u erbghin lira sterlina u disa' *pence*,

(£93,943.9), minghand is-socjeta` estera *Scottish Mutual International plc*, rapprezentanti kapital investit mill-attur mal-istess socjeta` estera;

1.2. Illi s-somma indikata fil-paragrafu precedenti giet mahruga mis-socjeta` estera hemm ukoll imsemmija favur l-attur permezz ta' cekk tas-socjeta` estera *Citibank plc* numru 06964747 u pagabbli lil "Mr. Farrugia";

1.3. Illi l-istess cekk gie fil-pussess ta' Mark Randon li kien qed jaghmilha ta' "*stockbroker*" ghan-nom tal-attur;

1.4. Illi l-imsemmi Mark Randon sarraf l-imsemmi cekk minn wara dahar l-attur bil-hsieb li jiddefrawda lill-istess attur;

1.5. Illi biex iwettaq il-pjan illegali tieghu, l-imsemmi Randon irrikorra ghand is-socjeta` konvenuta "*Travelex Financial Services Limited*" u talabha ssarrafflu l-imsemmi cekk billi tohrog zewg cekkijiet f'valuta Maltija – wiehed fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin, (LM25,000.00), u iehor ghal erbgha u tletin elf, hames mija, disgha u tmenin Lira Maltin u hamsa u sittin centezmu, (LM34,589,65), - u dan kollu, *ad insaputa* tal-attur u allura minghajr il-kunsens tieghu;

1.6. Illi l-*Foreign Exchange Bureau* huma projbiti milli jsarrfu cekkijiet bhal dawk fuq indikati;

1.7. Illi nonostante dan, is-socjeta` konvenuta fuq indikata illegalment sarrfet l-imsmemi cekk billi harget zewg (2) cekkijiet ohra f'isem l-attur, izda f'valuta Maltija biex b'hekk abilitat konsiderevolment l-attwazzjoni tal-pjan kriminali ta' Mark Randon;

1.8. Illi sussegwentement dan Randon zamm wiehed minn dawn ic-cekkijiet – dawk ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin, (LM25,000.00), u sarrfu fil-fergha tal-*Bank of Valletta plc* minghajr il-kunsens tal-attur billi iffalsifika l-firma tal-attur;

1.9. Illi l-*Bank of Valletta plc* agixxa b'imperizja u negligenza meta sarraf l-imsemmi cekk lil Randon minghajr ma vverifika jekk l-"*endorsements*" kienux awtentici jew le;

1.10. Illi ghalhekk l-attur Farrugia aderixxa din il-qorti biex il-konvenuti jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.10.1. Tiddikjara li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom, agixxew b'imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti, u bhala konsegwenza, kkagunaw danni lill-attur;

1.10.2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;

1.10.3. Tikkundanna s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom, biex ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata;

1.10.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament;

2.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-*Bank of Valletta p.l.c.* datata s-17 ta' Frar, 2004, li permezz taghha sintetikament eccepixxa s-segwenti, (ara fol 10);

2.1. Illi fil-konfront tal-bank eccipjenti, it-talbiet attrici huma infondati;

2.2. Illi l-bank m'agixxiex b'mod negligenti;

2.3. Illi l-istess bank ma kkawza l-ebda pregudizzju jew danni lill-attur;

3.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` *Travelex Financial Services Limited* datata l-24 ta' Frar, 2004, li permezz taghha sintetikament eccepiet is-segwenti:

3.1. Illi l-allegazzjoni attrici li s-socjeta` konvenuta agixxiet b'imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti, u konsegwentement ikkagunat danni lill-attur hi assolutament infondata u ghandha tigi respinta;

3.2. Illi t-tieni (2) u t-tielet (3) talba attrici ghandhom ukoll jigu respinti stante li huma konsegwenzjali ghall-ewwel (1) talba attrici, (ara fol 1 u 2);

*3.3*. Illi c-cekk mahrug mis-socjeta` *Scottish Mutual International plc* li kien pagabbli lill-attur "*or order*" kien "*endorsed*";

3.4. Illi f'dan ir-rigward skont l-artiklu 184 tal-Kodici Kummercjali, persuna li thallas kambjala iggirata mhix obbligata tivverifika l-awtenticita` tal-girata;

3.5. Illi skont il-gurisprudenza kostanti il-principju espost fil-paragrafu precedenti japplika wkoll ghal cekkijiet u "*bank Drafts*";

3.6. Illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta ma kellha l-ebda obbligu tivverifika jekk il-girata tac-cekk *de quo* favur Mark Randon kienitx genwina jew le;

3.7. Illi l-allegazzjoni li s-socjeta` konvenuta *de quo* kienet ipprojbita milli ssarraf ic-cekk in dizamina hija infondata;

3.8. Illi l-allegazzjoni li b'xi mod l-istess socjeta` konvenuta agevolat lil Randon fl-attwazzjoni ta' xi atti kriminali hi wkoll infondata;

3.9. Salv eccezzjonijiet ohra;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-1 t'April, 2004, li permezz tieghu, fuq talba appozita, ordnat il-kjamata in kawza ta' Mark Randon, (ara fol 23);

5.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Mark Randon datata l-10 ta' Dicembru, 2004, li permezz taghha eccepixxa sintetikament is-segwenti:

5.1. Illi t-talbiet attrici huma infondati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

5.2. Illi mhux minnu li ssarraf xi cekk *ad insaputa* tal-attur;

5.3. Illi kollox sar bil-kunsens tal-istess attur;

5.4. Illi l-kjamat in kawza ma ddefrawdax lill-attur;

5.5. Illi mhux minnu li l-kjamat in kawza kellu xi pjan kriminali;

5.6. Illi dawn huma kollha allegazzjonijiet infondati u jirrizerva li jiehu dawk il-passi spettanti lilu kontra l-attur;

5.7. Illi c-cekk ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin, (Lm25,000.00), ma ssarrafx mill-Bank konvenut izda kien depozitat fil-*Lombard Bank*;

6. Rat il-verbal datat it-18 ta' Mejju, 2006, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tal-atturipprezenta nota ta' cessjoni li ggib l-istess data hawn indikata, fil-konfront tal-bank konvenut, (ara fol 68 u 69);

7. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-11 ta' Mejju, 2007, li permezz tieghu, wara talba appozita, (ara fol 89), ordnat lis-socjeta` konvenuta tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri fiz-zmien hemm koncess, (ara fol 92);

8.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta` konvenuta datata l-15 ta' Mejju, 2007, li permezz taghha sintetikament eccepiet ulterjorment is-segwenti:

8.1. Illi l-azzjoni odjerna hi intempestiva stante li anke jekk tezisti xi responsabbilita` ghad-danni kif allegat din tista' tqum biss jekk l-attur ma jithallasx mid-debitur tieghu Mark Randon li fil-konfront tieghu l-attur gia` ghandu favur tieghu titolu ezekuttiv ghas-somma ta' erbgha u sittin elf Lira Maltin, (Lm64,000.00), li tinkorpora l-ammont minnu mitlub fic-citazzjoni odjerna;

8.2. Salv eccezzjonijiet ohra;

9.0. Rat in-nota tal-attur datata t-18 ta' Lulju, 2008, li permezz taghha espona sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi l-azzjoni mhix intempestiva;

9.2. Illi hemm kuntratt pubbliku ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu a favur l-attur mill-kjamat in kawza Randon, datat is-27 ta' Settembru, 2002, (ara fol 113);

9.3. Illi l-istess Randon qed jipprova jimpunja l-istess kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti permezz ta' kawza f'dan is-sens, (ara fol 105);

9.4. Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ness guridiku bejn il-procedura indikata fil-paragrafu precedenti u l-kawza odjerna;

9.5. Illi l-kawza odjerna hi kawza ghad-danni u ghalhekk mhix intempestiva;

10.0. Rat in-nota tal-attur datata s-7 ta' Mejju, 2009, li permezz taghha ikkwantifika d-danni allegatament minnu subiti bil-mod segwenti:

10.1. Illi d-danni jirrigwardaw it-telf attwali soffert mill-attur;

10.2. Illi l-i*Scottish Mutual International plc* harget cekk favur l-attur fl-ammont indikat fil-paragrafu wiehed punt wiehed (1.1) aktar qabel;

10.3. Illi peress li Randon kien qed jassisti lill-attur fl-investimenti tieghu, irceva c-cekk l-imsemmi Randon;

10.4. Illi Randon mar ghand it-*Travelex Financial Services Limited* u talabha taqsam ic-cekk fi tnejn kif fuq gie deskritt;

10.5. Illi Randon zamm ghalih ir-rikavat ta' cekk minnhom, dak ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin, (LM25,000.00);

10.6. Illi d-danni rikjamati huma s-segwenti: (ara fol 118-119);

10.6.1.Disgha u hamsin elf, hames mija u disgha u tmenin Lira Maltin u hamsa u sittin centezmu, (LM59,589.65) : ic-cekk originali;

10.6.2. Hdax –il elf, mitejn u tnejn u tmenin Lira Maltin u hamsa u sittin centezmu, (LM11,282.65) : tlef ikkagunat minhabba l-agir tas-socjeta` konvenuta;

11. Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu fuq talba tal-kontendenti awtorizzat li dawn jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet fil-modalita` hemm indikata, (ara fol 221):

12. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur datata t-23 ta' Lulju, 2012, flimkien man-nota korrettorja datata l-25 ta Lulju, tal-istess sena, (ara fol 227 u 231);

13. Rat in-nota responsiva datata l-1 t'Ottubru, 2012, (ara fol 241), tas-socjeta` konvenuta *Travelex Financial Services Limited* illum *Western Union Business Solutions (Malta) Limited*;

14. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kjamat in kawza Mark Randon datata t-31 t'Ottubru, 2012, (ara fol 251);

15. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur datata l-20 ta' Novembru, 2012; (ara fol 269); u r-replika tieghu ghan-nota tas-socjeta` konvenuta fuq indikata datata s-6 ta' Dicembru, 2012, (ara fol 275);

16. Rat il-kontro-replika tas-socjeta` konvenuta fuq indikata datata t-2 t'April, 2013, (ara fol 281);

17. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

18. Ezaminat ix-xhieda mismugha min din il-qorti diversament preseduta flimkien ma' l-affidavidijiet kollha ipprezentati;

19. Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha;

20. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

21. Illi qabel xejn taghmel referenza ghan-nota tal-attur datata t-18 ta’ Mejju, 2006, li permezz taghha ceda l-kawza fil-konfront tal-*Bank of Valletta plc*, (ara fol 69);

22. Illi in vista tal-istess cessjoni, tillibera lill-imsemmi bank mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi l-pozizzjoni attrici tista’ tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

23.1. Illi l-azzjoni minnu redatta hi ndirizzata esklussivament kontra s-socjeta` konvenuta *Travelex Financial Services Limited* li fil-mori tal-kawza saret *Western Union Business Solutions (Malta) Limited* u mhux kontra l-kjamat in kawza, (ara fol 227);

23.2. Illi l-imsemmija socjeta` konvenuta agixxiet b’negligenza, imperizja u b’non osservanza tar-regolamenti meta sarrfet ic-cekk meritu ta’ din il-procedura, (ara fol 17), meta dan gie lilha mghoddi min Mark Randon, u dan ghaliex:

23.2.1. Socjeta` li tahdem l-“*exchange bureau*” ma tistax issarraf cekkijiet personali;

23.2.2. L-MFSA ma kinitx harget regolamenti li jippermettu tali azzjoni;

23.3. Illi *di piu`*, din ma setghetx issarraf l-imsemmi cekk ghaliex ma kienx indikat jew intestat sufficjentement billi r-recipjent kien indikat biss bhala “Mr. Farrugia”;

23.4. Illi skont **Bellizzi et vs Borg, Qorti tal-Kummerc, datata t-30 ta’ Jannar, 1989**, meta *promissory note* ikollha ingredjent nieqes, allura ma tkunx valida;

23.5. Illi dan il-principju japplika wkoll ghac-cekkijiet;

23.6. Illi effettivament meta l-attur ittenta azzjonijiet simili, il-bank irrifjuta jsarrafflu cekkijiet simili, (ara fol 81 sa 85);

23.7. Illi minn ricerka kondotta mill-attur jirrizulta li f'Malta hawn madwar tmien mija u hamsin "Mr. Farrugia", (ara fol 139);

23.8. Illi meta l-impjegati tat-*Travellex Financial Services Limited* sarrfu c-cekk in dizamina allura zgur jirrizulta li kienu azzardati fl-azzjoni taghhom;

23.9. Illi ghalhekk meta Randon zamm il-porzjon sostanzjali fuq gia` riferit, (ara paragrafu wiehed punt tmienja, (1.8), aktar qabel), hu kien agevolat f'din l-azzjoni mill-laxkezza finanzjarja riskontrata;

23.10. Illi din il-laxkezza tispikka aktar meta jigi wkoll konsidrat li biex jissarraf l-istess cekk, l-imsemmi Randon effettivament iffalsifika l-firma tal-attur Farrugia;

23.11. Illi mic-cekk l-iehor, l-attur thallas biss hdax –il elf, mitejn u tnejn u tmenin Lira Maltin, u hamsa u sittin centezmu, (LM11,282.65), stante li tlieta u ghoxrin elf, tlett mija u sebgha Liri Maltin, (LM23,307.00), thallsu lin-neputi tal-attur, (ara fol 38);

23.12. Illi ghalhekk l-ammont ta' danni ikkawzati lill-attur jammonta ghal tmienja u erbghin elf, tlett mija u seba' Liri Maltin, (LM48,307.00), ekwivalenti ghal mija u tnax –il elf, hames mija u hamsa u ghoxrin Ewro u hames centenzmi, (€112,525.05);

24.0. Illi l-pozizzjoni tas-socjeta` konvenuta *Western Union Business Solutions (Malta) Limited* tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

24.1. Illi t-talba ghad-danni sollevata mill-attur hi infondata;

24.2. Illi hu pacifiku li s-socjeta` *Travelex Financial Services Limited* irceviet ic-cekk esteru in dizamina li kkonvertietu f'zewg cekkijiet fi flus Maltin, (ara fol 17 sa 21);

24.3. Illi kif ritenut fil-kawza **Borg vs Willoghby, Prim'Awla tal-Qorti Civili, datata d-9 ta' Marzu, 2005**, ir-regoli applikabbli ghall-kambjali huma wkoll applikabbli ghac-cekkijiet;

24.4. Illi cekkijiet pagabbli lill-"*payee or order*" jew "*to the order of*" huma trasferibbli b'gira – seplici "*endorsement*";

24.5. Illi ghalhekk tali cekkijiet jistghu jigu liberament imsarrfa minn min ikollu c-cekk f'idejh;

24.6. Illi c-cekk meritu tal-procedura odjerna kien pagabbli lill-"*payee*" (l-attur), "*or order*" – u allura mhux lill-attur biss;

24.7. Illi *a tenur* tal-artiklu 184 tal-Kodici tal-Kummerc is-socjeta` konvenuta mhix responsabbli ghall-awtenticita` tal-gira;

24.8. Illi ghalhekk ic-cekk in dizamina seta' jigi msarraf kif fil-fatt sar;

24.9. Illi s-socjeta` konvenuta setghet issarraf cekkijiet;

24.10. Illi rigward l-isem indikat fic-cekk *de quo* u jekk dan setax jissarraf bl-indikazzjoni li kien hemm fl-istess cekk, jinghad li dan issarraf biss wara li saret id-debita verifika fil-banek esteri kkoncernati;

24.11. Illi ghalhekk l-attur ma ipprovax il-kaz tieghu skont il-ligi u li l-kawza hi biss wahda frivola u vessatorja;

24.12. Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti ghandha tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

25. Illi l-kawza odjerna effettivament tirrigwarda relazzjoni fiducjarja li zvijat;

26. Illi effettivament fuq indikazzjoni ta' neputi tieghu, l-attur ghazel li jqabbad agent biex jghinu jinvesti xi flejjes tieghu;

27. Illi r-rikavat ta' dan l-investiment gie lilu mghoddi mis-socjeta` *Scottish Mutual International plc* permezz ta' cekk indirizzat lil "Mr. Farrugia" u "*or order*";

28. Illi l-imsemmi cekk ghadda ghand l-agent tal-attur, Mark Randon, li mar ghand is-socjeta` konvenuta u qasmu f'zewg cekkijiet;

29.0. Illi minn dawn iz-zewg cekkijiet irrizulta s-segwenti:

29.1. Wiehed ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin, (Lm25,000.00), zammu l-istess agent il-kjamat in kawza Randon;

29.2. Iehor ta' tlieta u ghoxrin elf, tlett mija u sebgha Liri Maltin, (LM23,307.00), inghata lil Joseph Mifsud;

29.3. Iehor ta' hdax –il elf, mitejn u tnejn u tmenin Lira Maltin u hamsa u sittin centezmu, (LM11,282.65), inghata lill-attur;

Ikkunsidrat:

30. Illi l-kawza odjerna hi limitata ghall-azzjoni kondotta mis-socjeta` konvenuta meta accettat li ssarraf ic-cekk in dizamina;

31.0. Illi fir-rigward jinghad is-segwenti:

31.1. Illi dak li jrid hawn jigi epurat hu jekk is-socjeta` konvenuta setghetx issarraf ic-cekk meritu ta' din il-procedura, (ara fol 17);

31.2. Illi kif ritenut mis-socjeta` konvenuta fil-gurisprudenza minnha citata li biex ma jkunx hemm dilungar inutili mhux ser jigu hawn ripetuti izda ssir biss debita riferenza ghall-istess, (ara fol 241), fejn jirrizulta allura pacifiku li meta cekk ikun pagabbli “*payee or order*” jew “*to the order of*” tali cekk ikun jista’ jigi trasferit b’semplici gira;

31.3. Illi ghalhekk, stante li minn ezami tal-kopja tac-cekk in atti, (ara fol 17), jirrizulta dak indikat fil-paragrafu precedenti, allura is-socjeta` konvenuta jirrizulta li agixxiet fit-termini legali lilha koncess;

31.4. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll mix-xhieda tad-Direttur Generali taghha a fol 134, illi fuq wara tal-original li ma giex prezentat in atti – mhux tal-fotokopja ipprezentata fil-procedura odjerna, hemm ukoll indikat “ … il-firma ta’ S. Farrugia”;

31.5. Illi wkoll jirrizulta mill-istess Direttur Generali, (ara fol 136), li c-cekk *de quo* issarraf biss wara li inghatat il-*via libera* mill-banek esteri involuti;

Ikkunsidrat:

32. Illi ghalhekk jirrizulta assodat a sodisfazzjon ta’ din il-qorti li l-agir tas-socjeta` konvenuta hawn ezaminat kien skont il-ligi u bl-ebda mod ma jirrizulta li zvijat mir-*retta via* fuqha statutorjament imposta;

**DECIDE:**

33.0. Illi ghaldaqstant in vista tal-premess, filwaqt li tiddikjara li hi sodisfatta li l-attur ma ipprovax il-kaz tieghu skont il-ligi;

33.1. Tirrespingi t-talbiet attrici;

33.2. Takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta;

33.3. Bl-ispejjez kontra l-attur Salvatore Farrugia;

33.4. Illi stante li l-istess imsemmi attur iddikjara fi stadju bikri tal-kawza li ma kellu l-ebda interess fil-konfront tal-kjamat in kawza, l-ispejjez rigwardanti l-istess kjamat in kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta *Western Union Business Solutions (Malta) Limited* li kkjamatu;

33.5. Illi in vista tas-suespost, tillibera lill-kjamat in kawza Mark Randon mill-osservanza tal-gudizzju.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------